It-tradizzjoni nisranija hija tal-fehema li Giovanni l-Battista, il-prekursur ta' Gesu' twieled go Ein Karen 7.5 kilometri 'l boghod minn Gerusalemm.

L-evangelista San Luqa jghidilna  li l-anglu Gabirjiel wassal lil Marija zewg messaggi minghand Alla. Wiehed li Marija kellha tkun Omm Alla u biex juriha li ghal Alla ma hemm xejn impossibli habbrilha li qaribitha Elizabetta ghalkemm imdahhla fiz-zmien kien ser ikollha tarbija. Wara li Marija accettat il-missjoni ta' Alla, telqet lejn din il-belt fil-Gudea, Ein Karen, distanza ta' bejn wiehed u iehor 120 kilometru . Hija terrqet u ghaddiet mill-Galilea, Samarija u l-Wied tax-Xmara Gordan u finalment waslet qalb l-gholjiet tal-Gudea.

Hemm zewg siti fil-Gudea li huma mahsubin li Zakkarija u Elizabetta kellhom zewgt idjar gewwa Ein Karen.

Normalment kienu jghixu fil-Wied, imma biex igawdu ftit ta' l-arja friska u jaharbu mis-shana u l-umdita tal-wied kienu jitilighu fid-dar tas-sajf fuq l-gholjiet.

It-twelid tal-Battista huwa mahsub li sehh fid-dar tas-sajf.

Ein Karen ghadha lokalita' ta' sigar u dwieli fejn il-kunventi u l-knejjes nsara huma hafna.

Ic-centru ta' Ein Karen hija l-knisja ta' San Gwann il-Battista li malajr tingharaf mill-kampnar gholi taghha. Isibuha bhala San Gwann tal-Muntanji, billi hija imdawra bil-gholjiet.

Il-knisja ghaddiet minn hafna taqlib. Knisja bikrija mibnija fuq dan is-sit kienet uzata mill-musulmani bhala post fejn izommu l-annimali taghhom. Imbaghad fis-17 il-seklu l-Frangiskani xtrawha u bnew il-knisja prezenti bs-sahha tas-Saltna ta' Spanja.

L-altarmagguri huwa dedikat lil San Gwann Battista. Fuq in-naha tal-lemin hemm altar dedikat lil Elizabetta u fuq ix-xellug hemm tarag li jiehdok lejn ghar naturali li huwa identifikat bhala il-post tat-twelid ta' Giovanni u mahsub li kien parti mid-dar tal-genituri tieghu.

Il-knisja tal-vizitazzjoni

Din il-knisja tikkommemora z-zjara li ghamlet Marija Ssma lil qaribitha Elizabetta meta saret taf li hija kienet ser issir omm. Dan it-taghrif haditu minghand l-Anglu Gabirjiel.

Mibnija fis-sena 1955 fuq il-pjanta ta' Antonio Barluzzi, il-Knisja tal-Visitazzjoni hija kunsidrata bhala wahda mill-isbah siti ta' l-Evangelju fl-Art Imqaddsa. Fuq il-hitan faccat tal-knisja hemm plakkek tac-ceramika li fuqhom hemm riprodott

il-Magnifikat , il-kantiku ta' radd il-hjar li ghamlet Marija lil Elizabetta, f'xi 50 lingwa.

Hija knisja mibnija fuq zewg livelli. Il-kappella ta' isfel, hemm passagg li jwassal hdejn bir antik li skont tradizzjoni antika jinghad li nixxiegha ta' ilma harget mill-blat meta Marija ltaqghet ma' Elizabetta.

Hemm blata kbira mqieghda f'nicca maghrufa bhala l-Gebla tal-Mohba. Dejjem skont tradizzjoni antika,il-gebla serviet biex it-tarbija Giovanni tinheba' waqt il-massakru ta' l-Innocenti li dwarhom hemm pittura fuq il-hajt.

Filmat fuq il-knisja tal-Vizitazzjoni

https://u.pcloud.link/publink/show?code=XZT7h0XZm4GYDtDOLmVliyWt6XKWpVFRmXxy

Filmat fuq il-knisja ta' San Gwann.

https://u.pcloud.link/publink/show?code=XZ67h0XZFDTe2NXTjlB5J6L2LhLJnVDYM0kk